MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 1027/2003

**Pace & Mercieca Ltd**

**vs**

**Yose' Buttigieg M.A.B.I. F.S.P.D.**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' Mejju, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elf u tmenin lira Maltin (Lm1080) rappresentanti in kwantu ghas-somma ta' disa mija u tmenin lira Maltin (Lm980), ammont ta' flus imhallas indebitament lill-konvenut mis-socjeta attrici u inkwantu ghas-somma ta' Lm100 rappresentanti flus migbura mill-konvenut ghan-nom tas-socjeta attrici li baqghu ma inghatawx mill-konvenut lill-istess socjeta attrici.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni u b'riserva ghal

kwalunkwe azzjoni ohra spettanti lis-socjeta attrici kontra l-konvenut.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2003, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elf u tmenin lira Maltin (Lm1080), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

B'riserva ghal kwalunkwe azzjoni ohra spettanti lis-socjeta attrici kontra l-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------